**Minuti tas-Seduta 19 li saret fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju 2008 fit-8.30 p.m.**

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fit-8.30 p.m. Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | ~~Assenti~~ SKUŻATA | |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | ~~Assenti~~ SKUŻAT | |
| Kunsillier Shirley Farrugia | Skużata(Imsiefra) | |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Assenti | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.30 p.m. | 22.40 p.m. |

**Fil-bidu tas-seduta is-sindku f'isem il-kunsilliera kollha ta' l-kondoljanzi lis-Sur Joe De Martino u l-familja tiegħu għall-mewt ta ommu.**

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 18 tat-16 ta' Ġunju 2008

1.1 Il-minuti ġew approvati nem.com.

## 2. Tagħrif mil-minuti

2.1 Dwar il-Bust ta' Nicolo' Isouard, is-segretarju irraporta li dehret ittra fil-ġurnali tal-ħadd fejn kien allegat li s-soċjeta Nicolo' Isouard qed jistennew li jsir il-pedestall mill-Kunsill sabiex il-bust jitpoġġa f'postu. Is-Segretarju qal li ma jafx li ntbagħtet xi korrispondenza ġdida lill-Kunsill f'dan ir-rigward wara ir-risposta tal-Kunsill lis-Soċjeta Filarmonika Nicolo' Isoard.

2.2 Is-segretarju irraporta li ntbagħtet ittra uffiċċjali mill-avukat tal-Kunsill lis-Sur Reuben Buhagiar tal-Melita Cycling Club sabiex dan jirritorna iċ-ċwievet tal-post fiż-Żokrija.

## 3. Korrispondenza

Inqrat ittra tal-Kuntrattur tal-General Co Ltd li għamel x-xogħol tal-Pjazza Rotunda fejn talab li jingħata r-*retention money* . Ġie deċiż li din tiġi trattata mill-avukat tal-Kunsill. Intqal li l-Kunsill għadu qed jistenna r-rapport tal-avukat u l-konsulenti legali tiegħu dwar il-każ tal-pjazza.

## 4.0 Talba mill-MEPA dwar spustjar ta' l-Iljun tal-Pjazza

Il-Kunsillier Perit Chris Grech spjega li l-MEPA qed titlob garanzija bankarja li ma jitkissrux armi u l-Iljun meta u jekk dawn jiġu mċaqalqin mill-post fejn jinstabu u talbet ukoll pjanta fejn l-Iljun hu propost li jitpoġġa. Ġiet ippreżentata pjanta fejn turi li l-Iljun u l-armi jitpoġġew wara l-palma li

tikkommemmora lill-ex Prim Ministru Dom Mintoff jiġifieri aktar il-quddiem milli hu illum .

Huwa spjega wkoll li l-board tal-HAC ma' sabx oġġezzjoni li l-lljun jiċċaqlaq iżda talbu wkoll fejn ser jitpoġġa. Intalbet votazzjoni dwar jekk din il-proposta ta' fejn għandu jitpoġġa l-lljun u r-riżultat kien:

**4 FAVUR**
**3 KONTRA**

Il-proposta li l-lljun jersaq fejn il-palma għaddiet.

## 5.0 Materji Finanzjarji

5.1 Ġew approvati 1) lista ta' pagamenti li saru b'urġenza li tammonta għall-€27,745.24 u lista oħra ta' pagamenti li tammonta għall € 56,789.28.

5.2 Tqassmet kopja tal-*Management Letter* u tal-Accounts 31/03/2008. L-accounts ġew approvati filwaqt li s-segretarju spjega kif kien jidher mill-management letter ta' din is-sena l-awditur irraporta li kien sar progress kbir fis-sistema tal-*accounting* u l-implimentazzjoni tar-regoli fiskali għalkemm kien hemm x'wieħed jirranġa. Is-Segretarju qal li huwa kien qed jipprepara r-risposta għall din il-*management letter* u din jgħaddiha għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Kunsill.

## 6.0 Triq il-Kostituzzjoni u permessi oħra mill-ADT

Ġiet spjegata x'kienet is-sitwazzjoni f'dan ir-rigward u li sa issa ma nħarġu l-ebda permessi minn dawk li għandu L-Kunsill pendenti mal-ADT u li ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni bil-miktub minn naħa tal-ADT.

## 7.0 Kuntratt KLM/Heritage Malta

Is-Sindku spjega li ma kienx kuntent bl-iżbilanċ li jeżisti fil-formazzjoni tal-Kumitat KLM/Heritage fuq il-proġett ta' Bistra fejn Heritage Malta kellhom aktar voti mill-Kunsill u fl-istess ħin il-Kunsill qed joħroġ hu l-ispejjes u l-flus għall-irranġar tal-posta u konservazzjoni tal-katakombi meta l-proprjeta hija tal-Heritage Malta u mhux tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jixtieq jerġa jinnegozja l-arranġamenti li hemm bejn il-Kunsill u Heritage Malta.

## 8.0 Aġġustjar ta' Anomaliji

### a) Kumpens xieraq lill-Handymen

Is-segretarju spjega li kienet inħolqot anomalija fir-rigward tal-handymen u li Sindku kien jħoss li għandha titranġa għaliex ma kienx 'fair' li l-handyman il-ġdid jaqla daqs jew anke aktar mill-handyman li ilu żmien twil mal-Kunsill. Din l-anomalija kienet inħolqot meta sar arranġament sabiex is-Sur Philip Azzopardi

jaħdem 3 siegħat kuljum b'xejn u meta ġie ngaġġat l-Handyman il-ġdid dan beda jaqla aktar minnu.

Is-Sur Demartino qal li kien jiskanta kif qed isir dan id-diskors illum għaliex kien l-istess Sindku li ppropona li Philip Azzopardi jaħdem 3 sigħat b'xejn. Din qatt ma nstemgħet li xi ħadt jaħdem b'xejn. Wara li ġie spjegat li l-kuntratt oriġinali ta' Philip Azzopardi kien fih difett fil-fatt li waqt li kellu n-nies taħtu dan ta' bilfors jrid jitħallas over time sabiex jibqa fuq x-xogħol meta n-nies ta taħtu kien għadhom fuq il-lant tax-xogħol. Għalhekk ġie deċiż li Philip Azzopardi ma jitħallasx ta' 1 ½ biss u mhux ta 3 sigħat. Is-Sur Azzopardi għandu jitħallas bl-arretrai kollha u jiġi emendat il-kuntratt tiegħu. Din il-proposta għaddiet unanimament.

**b) Bonus Joe Borg-pagament finali**

Ġie deċiż li s-Sur Joe Borg ex-*environmental officer* jingħata l-Bonus ta 4 ½ %.

**9.0 Tiġdid tal-Kuntratt - SVIMED**

Billi kien hemm prospett li jinġabu aktar fondi mill-Unjoni Ewropeja għat-tkomplija tal-proġett ta' Bistra ġie deċiż li jiġġedded l-kuntratt tas-SVIMED sabiex dan ikomplu bix-xogħol tagħhom.

## 10.0 Grawnd tal-Lgħajba (Mosta Football Club)

Is-Segretarju spjega kif wara petizzjoni u ilmenti minn residenti Mostin tal-inħawi tal-Grawnd tal-Lgħajba nkitbet ittra ta' oġġezzjoni lill-MEPA dwar 'boundary wall' kif propost mill-Każin tal-Futbol. Dan sar għax ma kienx hemm żmien li jitlaqqa l-Kunsill billi l-ħin tal-oġġezzjonijiet lill-MEPA kien jagħlaq li ftit sigħat.

Is-Sur De Martino qal li huwa kellu l-impressjoni li s-seating u l-boundary wall kellhom isiru fuq in-naħa ta' Fenech Marble Tiles Factory u mhux fuq in-naħa tar-residenti.

Is-Sindku qal li issa kien sta għal MEPA li tiddeċiedi jekk jingħatax l-permess jew le.

F'dan l-istadju s-Sur De Martino, is-Sinjorina Fenech Adami, u s-Sinjura Marthese ħallew il-laqgħa.

Billi ma kienx hemm aktar 'quorum' il-laqgħa spiċċat fil-22.40 p.m. u items 11 sa 15 ta' l-Agenda ma ġewx diskussi.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv